# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-72 laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 1 ta' April 2015 fis-7.00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**72/01 Talba**

**72/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-7.00 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġiet skużata.

**72/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 71**

**72/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti.

**72/03 Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**72/03/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm deċiżjoni li pagament numru 25 jiġi mwaqqaf temporanjament sakemm jiġi vverifikat li t-tabella taz-*zebra* l-*crossing* il-gdida qed tixghel. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti fl-iskeda kif ukoll *Invoices* GHR 035 u GHR 060 minghand Euro Clean ta' €1,179.90 u €3,009.60. Ġiet approvata ukoll b'mod unanimu l-lista tal-*Petty Cash*.

**72/04 Affarjiet Ohra Urġenti**

**72/04/01** Ġew innutati korrispondenza mill-MEPA.

**72/04/2** Giet innutata Memo 5/2015 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning.

**72/04/03** Ġiet innutata ittra minghand l-avukat tal-ex-Seg. Ezekuttiv tal-Kunsill. Gie unanimament deċiż li din tiġi mghoddija lill-avukat tal-Kunsill halli jibghat risposta.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**72/04/04** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proposta tiegħu għall-fondi għall-attivitjiet kulturali ġiet approvata. Minhabba l-elezzjoni gie unanimament deċiż li din l-attivita' issir aktar tard matul din is-sena.

**72/04/05** Ġiet innutata petizzjoni minn residenti li joqghodu fi Triq Naxxar fejn dawn qed jitolbu li issir *traffic hump* fi Triq in-Naxxar fil-post fejn qabel ma sar it-tarmak fit-triq diġà kien hemm wahda. Ġie approvat li din it-talba tintlaqa u titwahhal *traffic hump*.

**72/04/06** Korrispondenza minghand residenta li qed tallega li kuntrattur li wahhal it-tabelli taz-*zebra crossing* fi Triq 31 ta' Marzu kisrilha katusa tal-fuħħar li tinsab fil-faċċata tad-dar tagħha. Ġie unanimament deċiż li din il-korrispondenza tiġi riferuta lill-kuntrattur.

**72/04/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinjura Marisa Marmara fejn qed tikkonferma li x-xogħol fi Sqaq il-Maħruq jista' jibda. L-Agent S.E. intalab sabiex johrog il-*Letter of Acceptance* lill-Kuntrattur li kien intghazel u jsegwi l-iffirmar tal-Kuntratt halli jibda dan ix-xoghol.

**72/04/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar il-Kunsill taż-Żgħażagħ. Ġie unanimament deċiż li din il-proposta tiġi ikkunsidrata mill-Kunsill il-ġdid.

**72/04/08** Il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm approvazzjoni biex issir sejħa esterna għal *Clerk* Skala 15 part-time għall-Kunsill. Ġie deċiż li l-Agent S.E. ikompli isegwi l-proċedura.

**72/04/09** Talba sabiex titwahhal mera ġdida fi Triq Santa Katerina. Din ġiet approvata.

**72/04/10** Ġie innutat korrispondenza minghand il-Pulizija dwar blata li hekk il-possibilita' li taqa fi Triq San Brinkat, Il-Pulizija għalqu l-access ghal din it-triq u qedin isegwu.

**72/04/11** Ġie unanimament deċiż li jitwahhlu żewġ *bollards* fid-daħla tal-ground bil-ghan li jibqax isir ipparkjar ta' vetturi li qed jostakolaw it-triq.

**72/04/12** Il-Kunsillier is-Sur Alfred Muscat informa li hu għandu jiltaqa' mas-Sur Herbert Naudi biex jurih fejn ser tehel il-*Locality Sign* fi Triq San Gwann.

**72/04/13** Is-Sindku ikkonsenja l-Insigna lill-Agent S.E. u irringrazzja lill-Kunsillieri u lill-istaff tal-Kunsill ghall-koperazzjoni u hidma taghhom.

**72/05** **Aġġornament**

**72/05/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-7.50 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kurt Guillaumier** | ________________ |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |